MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2013

Appell Kriminali Numru. 247/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mario Camenzuli**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Mario Camenzuli talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, minn Mejju 2011 sa Settembru 2011, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil martu Julie Camenzuli s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' Mejju 2012 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Mario Camenzuli ħati u kkundannatu xahar priġunerija;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Mario Camenzuli ppreżentat fit-18 ta' Mejju 2012 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tħassar, tannulla u tikkanċella s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet il-provi; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ammont in kontestazzjoni mhuwiex manteniment iżda konsiderazzjoni ta' dejn li l-appellant u martu għandhom ma' l-HSBC fuq id-dar matrimonjali. Għalhekk huwa ammont straordinarju u mhux ammont biex jintuża għall-bżonnijiet tal-ħajja ta' kuljum; (2) li huwa impossibbli għall-appellant li jħallas l-ammont in kwistjoni peress illi huwa jipperċepixxi f'għajnuna soċjali s-somma ta' €288 kull erba' ġimgħat li minnhom iħallas lil martu s-somma ta' €200. Għalhekk huwa qed jgħix ma' ommu għax m'għandux fejn imur u m'għandux biex iħallas għall-ikel u affarijiet bażiċi għalih. Min isib ruħu f'sitwazzjoni bħal din ikun suxxettibbli għal depressjoni, se taqbdu aktar u ssir aktar akuta, kif ġara. Jirreferi għaċ-ċertifikati mediċi u għall-fatt li l-Bord Mediku tad-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali sabu li mhuwiex tajjeb biex jaħdem. Isostni b'hekk li japplika l-prinċipju *nemo ad impossibilia tenetur*, għax huwa impossibbli għalih li jottempera ruħu ma' l-obbligu impost fuqu u, konsegwentement, ma jistax jinstab kriminalment responsabbli; (3) li, meħud in konsiderazzjoni l-fatt li dejjem ħallas il-manteniment ta' €200 u l-mard li jsofri minnu, il-piena nflitta hi sproporzjonata.

**6.** Kwantu għall-ewwel aggravju jirriżulta mid-dokumenti esibiti illi b'digriet tal-5 ta' Novembru 2009 il-Qorti Ċivili

(Sezzjoni tal-Familja) kienet ordnat lill-appellant iħallas lil martu manteniment fis-somma komplessiva ta' mitejn euro (€200). Sussegwentement, b'rikors ippreżentat minn mart l-appellant f'dik l-istess Qorti, Julie Camenzuli, wara li osservat illi żewġha ma kienx qiegħed iħallas il-ħlasijiet mensili lil HSBC Bank (Malta) plc, talbet li dik il-Qorti "tirrevedi d-digriet tagħha ta' manteniment fuq imsemmi billi b'żieda tal-manteniment mensili ġja` ordnat ta' €200, tordna lill-intimat sabiex, in linea ta' manteniment, iħallas lill-esponenti s-somma ulterjuri u mensili ta' €276.12, u dan bl-intendiment pero` illi l-attriċi tibqa' obbligata illi mill-manteniment mensili ta' €476.12, hekk imħallas lilha mill-intimat, tħallas is-somma ta' €138.06 lil HSBC Bank (Malta) plc kull xahar u bl-intendiment ukoll illi mill-istess manteniment ta' €476.12 hija tħallas is-somma ta' €138.06 lil HSBC Bank (Malta) plc akkont tal-arretrati ta' €1263.40 akkumulati sallum u b'dan pero` illi hekk kif l-imsemmija arretrati jiġu mħallsa l-manteniment ordnat ta' €476.12 jiġi *ipso facto* ridott għal €338.06" (sottolinear ta' din il-Qorti). Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), wara li rat ir-rikors u r-risposta ta' l-appellant, iddeċidiet b'digriet tal-5 ta' Jannar 2011, billi laqgħet it-talbiet ta' mart l-appellant. Dan ifisser illi dik il-Qorti laqgħet, *inter alia*, it-talba li l-manteniment mensili jiżdied għal €476.12. Mhuwiex għalhekk għal din il-Qorti biex tiddetermina x'inhu u x'mhuwiex manteniment ġaladarba d-digriet tal- Qorti Ċivili tal-5 ta' Jannar 2011 huwa ċar. Dak li kellu jagħmel l-appellant kien, kif jidher illi eventwalment għamel, illi jadixxi lil dik il-Qorti sabiex – jekk ikun il-każ – jiġi varjat dak id-digriet. Konsegwentement l-ewwel aggravju huwa miċħud.

**7.** Permezz tat-tieni aggravju l-appellant isostni illi ma jistax jinstab kriminalment responsabbli minħabba li jinsab fl-impossibilita` li jħallas in vista li d-dħul tiegħu jikkonsisti biss fil-benefiċċji soċjali li huwa jirċievi. Jgħid illi ma jaħdimx u illi l-mard tiegħu ma jippermettilux jaħdem. Huwa pproduċa lil Joseph Chircop mid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali li ta rendikont tad-dħul ta' l-appellant in lineja ta' benefiċċji soċjali mit-18 ta' Frar 2010 u konsistenti f'*unemployment assistance* (mit-18 ta' Frar 2010), *social assistance* (mit-23 ta' April 2011), *special*

*bonus* (mit-18 ta’ Frar 2010), *6-monthly bonus* (mit-18 ta’ Frar 2010), *sickness assistance* (mill-10 ta’ Diċembru 2011) u *supplementary allowance* (mis-17 ta’ Settembru 2011). Inoltre pproduċa lill-psikjatra Dr. Anthony Zahra li qal illi ilu jara lill-appellant għal aktar minn sentejn u li l-marda ta’ l-appellant ma kinitx qed tħallieh jiffunzjona b’mod normali iżda li issa wasal fi stadju fejn irid jibda jintegra lura fil-ħajja tax-xogħol anke għas-saħħa mentali tiegħu stess.

**8.** Issa, bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Alfred Camilleri** deciz fit-18 ta’ Settembru 2002:

**“… sakemm ikun ghadu vigenti digriet tas-Sekond’Awla jew digriet jew sentenza tal-Prim’Awla jew tal-Qorti tal-Appell, li jordna l-hlas ta’ manteniment, din il-Qorti ma tistax hlief issib u tikkonferma htija fejn 1-appellant ikun naqas li jottempera ruhu ma’ tali digriet jew sentenza, tkun xi tkun ir-raguni, jew pretest biex jaghmel dan. Altrimenti din il-Qorti, minflok Qorti ta’ Appell Kriminali, tispicca tirriduci ruhha f’wahda ta’ revizjoni dwar l-effikacja u r-ragonevolezza ta’ digrieti jew sentenzi tal-Prim‘Awla u tal-Qorti tal-Appell u digrieti tas-Sekond’Awla, mansjoni li zgur li ma taqax taht il-kompetenza taghha.”**

**9.** Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Anthony Saliba** deċiż fil-15 ta’ Lulju 1998 intqal:

**“Illi l-aggravju ta’ l-appellant hu, bażikament, illi fiż-żmien inkriminat (u għall-perijodu qabel dak iż-żmien) hu kien diżokkupat u għalhekk kien fl-impossibilita` li jissomministra l-alimenti kif ordnat mill-Prim’Awla. Pero`, kif tajjeb osservat l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, ir-rimedju li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi żmien utili lill-Qorti Ċivili kompetenti biex din, wara li tieħu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. L-appellant, pero`, għażel li ma jagħmilx dan ħlief għall-ħabta ta’ April ta’ din is-sena. Għalhekk**

**l-Ewwel Qorti kienet korretta li ssibu ħati tal-kontravvenzjoni kkontemplata fl-artikolu 338(ż) tal-Kodiċi Kriminali.”**

**10.** Issa, fil-każ odjern, id-digriet li permezz tiegħu l-manteniment żdied għal €476.12 ingħata fil-5 ta’ Jannar 2011. Ir-rikors li permezz tiegħu l-appellant adixxa lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ġie ppreżentat fl-24 ta’ Mejju 2012, aktar minn sena wara d-digriet imsemmi. Mela, ċertament, ma jistax jingħad illi l-appellant adixxa tempestivament lill-Qorti kompetenti. Inoltre dik il-Qorti kellha diga` diversi okkażjonijiet tevalwa ċ-ċirkostanzi ta’ l-appellant u għalhekk din il-Qorti mhijiex se tipprova tevalwa r-raġonevolezza tad-digriet tal-5 ta’ Jannar 2011, *multo magis* meta, għalkemm b’digriet tas-6 ta’ Lulju 2012 (fuq ir-rikors imsemmi ta’ l-24 ta’ Mejju 2012) il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iddeċidiet li tissospendi l-obbligu tal-manteniment imsemmi fir-rikors sakemm jingħata provvediment ieħor, effettivament b’digriet ieħor tas-26 ta’ Ottubru 2012 dik l-istess Qorti rrevokat id-digriet tas-6 ta’ Lulju 2012. Fiċ-ċirkostanzi d-difiża ta’ l-impossibilita` mqajma mill-appellant ma tistax tirnexxi. Kwindi, bħal fil-każ ċitat **Il-Pulizija v. Anthony Saliba**, l-Ewwel Qorti kienet korretta li ssib lill-appellant ħati tal-kontravvenzjoni kkontemplata fl-artikolu 338(ż) tal-Kodiċi Kriminali.

**11.** Mill-provi jirriżulta illi l-appellant baqa’ jħallas il-manteniment oriġinali ta’ €200. Il-manteniment għall-minuri ma baqax dovut għax leħaq il-maġġor eta`. Sadattant l-appellant reġa’ beda jħallas lill-Bank is-somma ta’ €138.06 fix-xahar (l-ammont li kien dovut skond ir-*repayment programme* oriġinali). Bħalma xehdet ir-rappreżentanta tal-Bank Mariella Caruana quddiem din il-Qorti fis-seduta tallum stess, il-Bank aċċetta li l-appellant jerġa’ jibda jħallas l-istess ammont biex jiskonta d-debitu fuq il-*loan* in kwistjoni. Diġa` ħallas żewġ pagamenti. Dan juri l-bona volonta` ta’ l-appellant li jħallas id-dejn li għad hemm fuq id-dar matrimonjali. Fiċ-ċirkostanzi hemm lok ta’ temperament fil-piena.

**12.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant Mario Camenzuli xahar priġunerija u minflok tikkundannah għall-ħlas ta’ *ammenda* ta’ tmienja u ħamsin euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€58.23). Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------